VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,040, 1 ta' Marzu, 2013
Taqsima B

A.L. 85 tal-2013

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni bi qbil mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.24

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2013.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2012" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2013".

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Ħlas għall-ipproċessar.

5. (1) Il-formola għandha tiġi preżentata fit-Taqsima tal-Liċenzjar ta' Xufiera u Vetturi fi ħdan l-Awtorità flimkien -

(a) mal-ħlas ta' dritt għall-ipproċessar ta' mija u ħamsa u għoxrin euro (€125); u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) meta l-vettura ma tkunx ġiet skrappjata jew ma tkunx ser tiġi skrappjata, mal-ħlas ta' kull ammont mhux imħallas ta' multi jew ammendi imposti minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali jew penali imposti minn Kummissarju tal-Ġustizzja bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja, b'konnessjoni ma' kull reat li jkun sar bl-użu tal-vettura msemmija.

Kap. 291.

(2) Kull formola li ma jkollhiex magħha l-ħlas għall-ipproċessar, u fejn ikun japplika, il-ħlas tal-ammont mhux imħallas ta' multi u, jew penali ma tikkostitwixxix talba valida skont ir-regolament 4.".